MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 129/1998/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .

**Avviz numru : 129/1998G2(PC)**

John Xerri .

vs

Paul Micallef, u b'degriet tat-2 ta' Awissu, 2004 l-avukat Anton Refalo gie nominat kuratur deputat tal-konvenut stante s-safar tieghu .
Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur proprio et nomine talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat

sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tletin lira maltija (Lm630), ammont lilu dovut bhala hlas ghaz-zmien li l-attur kien impjegat mal-konvenut, u cioe' s-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30), bhala bilanc li l-konvenut kien baqaghlu jhallas lill-attur ghat-tielet gimgha ta' l-impieg tieghu u sitt mitt lira maltin (Lm600) bhala hlas ta' tlett gimghat xoghol bil-mitejn lira maltin (Lm200) fil-gimgha .

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u ta' l-ittri bonarji tal-24 ta' Awissu, 1998 u 4 ta' Settembru, 1998 u ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 1998 .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi huwa qieghed jikkontesta t-talbiet attrici peress illi dawn huma infondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-bilanc ta' hlas dovut lill-attur huwa ta' mija u disghin lira Maltin (Lm190), liema hlas ghalkemm offrut diversi drabi mill-konvenut lill-attur ma kienx accettat mill-attur u dan minghajr l-ebda raguni valida ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-bilanc mill-hlas ghall-impieg illi huwa ghamel mieghu isuq it-trakkijiet fl-esteru . Huwa qed jirreklama s-somma ta' tletin lira maltija (Lm30) bilanc mill-hlas ghat-tielet gimgha li hadem mal-konvenut bir-rata ta' mija u sebghin lira maltija (Lm170) fil-gimgha u sitt mitt lira maltija (Lm600) ghall-ahhar tliet gimghat bir-rata ta' mitejn lira maltija (Lm200) fil-gimgha. F'dan l-attur jinsab korroborat bix-xhieda ta' ommu[1] .

[1] Ara depozizzjoni ta' Connie Xerri tal-14.10.89 a fol. 14 - 16 tal-process .

Il-konvenut, filwaqt illi jammetti li ghad baqaghlu jaghti xi haga lill-attur, jikkontendi illi ghandu jaghtih biss ghoxrin lira maltija (Lm20) bhala bilanc ghat-tielet gimgha u mija u sebghin lira maltija (Lm170) u ghal gimgha ohra . Jichad illi l-attur hadem mieghu ghal sitt gimghat u li r-rata kienet zdiedet ghal mitejn lira maltija (Lm200) fil-gimgha . Jghid li din ir-rata kienet tinghata biss lil min ikollu certu esperjenza u l-attur kien ghadu jibda .

L-attur ipprezenta kopji fotostatici tat-timbri ta' l-*arrivals* u *departures* tieghu kif jidhru fil-passaport tieghu[2] . Minn dawn jirrizulta illi huwa tassew ghamel total ta' sitt gimghat fl-esteru, presumibilment fl-impieg tal-konvenut . Infatti timbru minnhom jindika illi fl-4 ta' Lulju 1998 imbarka mill-port ta' Genoa[3], wiehed mill-portijiet ewlenin minn fejn huwa maghruf li jghaddu s-sewwieqa tat-trakkijiet bil-merkanzija destinata ghal Malta .

F'tali cirkostanzi jidher illi l-versjoni ta' l-attur hija aktar kredibbli u ghalhekk timmerita konferma .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tletin lira maltija (Lm630) kif mitlub fl-Avviz .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tal-24 ta' Awissu 1998 u dik ta' l-4 ta' Settembru 1998, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-28 ta' Settembru 1998, kollox kontra l-konvenut .
s12998Pc(inf)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[2] Ara Dokti. JX 1 sa JX sa JX 5 a fol. 9 - 13 .
[3] Dok. JX 4 a fol. 12 .